*Riċerka*

# Il-Bini tal-Kampnar il-Qadim

Matul is-seklu dsatax saru ħafna xogħlijiet fil-Knisja Parrokkjali tal-Gudja. L-istatwa titulari ta' Santa Marija ġiet skolpita fl-injam minn Vincenzo Dimech. Anton Chircop ħadem l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju fl-1851. Bejn il-1858 u l-1860, fi żmien il-Kappillan Giovanni Battista Żammit, ġie mibni il-kampnar fuq in-naħa tax-xellug tal-Knisja illum magħruf bħala ***'Il-Kampnar il-Qadim'***, u tqiegħed arloġġ ġo fih. Ftit wara, tqegħdu erba' qniepen. Pietro Gagliardi pitter l-Assunzjoni fl-1880, Bruschi għamel il-pittura tal-mewt ta' San Gużepp fl-1884, waqt illi il-pitturi żgħar tal-Via Sagra saru minn Antonio Falzon fl-1881. Fl-1870 żdied ix-xogħol ta' rham fl-altar il-maġġur.

Jidher li dan kien perjodu li fih sar bosta xogħol. Żgur li n-nies ikkoperaw minn qalbhom biex isebbħu d-dehra tal-Knisja Parrokkjali li kienet iċ-ċentru tal-ħajja tagħhom. Il-popolazzjoni kienet għada żgħira ħafna, anqas minn elf ruħ b'kollox, fattur illi żgur ma ħaffifx ix-xogħol.

Nistgħu naraw din il-kollaborazzjoni bejn il-Kappillan Giovanni Battista Żammit, il-qassisin u n-nies tar-raħal fil-bini tal-'Kampnar il-Qadim'.

Qabel inbena l-kampnar fuq il-pjanta tal-perit ingliż William Baker, il-Knisja Parrokkjali kellha kampnar wieħed biss li kien jinsab fuq in-naħa tax-xellug tal-faċċata. Dak iż-żmien il-Knisja kienet iżgħar milli hi llum u l-faċċata kienet aktar lura. Għadu jidher bieb mibni fejn kien dan il-kampnar illi probabbli, kien jieħu minn ġol-kampnar għal ġol-knisja. Fl-1745 l-Isqof Alpheran żar il-knisja u ħalla deskrizzjoni qasira ta' dan il-kampnar. Kien jinsab fuq in-naħa tax-xellug tal-faċċata tal-knisja u kont titla' fih permezz ta' taraġ. Fih kien hemm żewġt iqniepen[1]. Fil-1858 kien hemm tliet qniepen fih għax Achille Ferres kiteb illi t-tliet qniepen ġew mibjugħa wara li tlesta il-kampnar li hemm illum[2].



Bosta fatturi ħeġġew lin-nies tal-Gudja biex jibdew din il-biċċa xogħol iebsa. Ġew maħtura erba' deputati biex jippreżentaw petizzjoni lill-Isqof Monsinjur Pace Forno[3]. Dawn kienu l-Kappillan Dun Gwann Battista Żammit, il-qassis Matteo Castagna, il-qassis Dun Ġużepp Dalli u Angelo Żammit. Fil-petizzjoni tagħhom lill-Isqof biex jingħatalhom permess li jibnu kampnar ġdid huma ddeskrivew li l-kampnar li kien hemm, bħala mibni b'mod ħażin, u li kien jistrieħ parzjalment fuq il-bejt tal-knisja. Barra minn hekk, huma ddeskrivewh bħala tant ikrah li xejn ma kien isebbaħ id-dehra tal-knisja. Huma qalu wkoll li kien ilu żmien twil ikkundannat. Kitbu li ma riedux li l-Knisja Parrokkjali tagħhom tidher agħar minn dawk tal-villaġġi tal-qrib. Xtaqu li jkollhom arloġġ pubbliku illi kien ikun ta' siwi għalihom u anke jfakkarhom fil-funzjonijiet tal-knisja. Benefattur kien offra li jħallas minn butu biex isir arloġġ, iżda l-ebda magna ma setgħet tiġi mqiegħda fil-kampnar.

Forsi kienu qegħdin jesaġeraw xi ftit fit-tmaqdir tagħhom għall-kampnar li kien hemm bil-ħsieb li, jipperswadu lill-awtoritajiet iħalluhom jibnu wieħed ġdid? Hija ħaġa ċerta illi l-fatt li nqala' benefattur lest li jipprovdi arloġġ kienet opportunita' li ma kienx ta' min jitlifha u ġagħlet lin-nies jgħaġġlu iktar.

Jidher ċar li kienu kollha ħeġġa biex jibdew dan ix-xogħol tant li, meta ppreżentaw il-petizzjoni kienu ġa bdew il-preparazzjonijiet. L-ewwel diffikulta' li ltaqgħu magħha kienet dik ta' l-ispazju fejn jinbena il-kampnar. Dan kellu jinbena fuq biċċa art pubblika fuq in-naħa tax-xellug tal-knisja li kienet tintuża bħala passaġġ għal xi djar. Il-Kappillan, Dun Gwann Gatt kien ġa għamel petizzjoni lill-Gvern u ġie mwiegħed li jkun jista' juża' l-art, imma bil-kundizzjoni illi

s-sid ta' l-ghalqa (jew ġardina) fil-qrib, iregga' lura l-ħajt tas-sejjieħ b'mod li jibqa' aċċess għad-djar. L-art li kien hemm bżonn tittieħed kienet stmata mhux aktar minn 25 skud u l-Gvern kien lest li jikkompensa lis-sid billi jtih daqstant ieħor mill-art pubblika li kienet tmiss magħha. Din l-għalqa, msejħa 'Bir Żebbuġa', kienet patronat lajkali u r-rettur tagħha kien ċertu Dun Ġużepp Żammit mis-Siġġiewi. Luigi Żammit miż-Żurrieq kien il-patrun u l-emfitewta kien Giovanni Camilleri. It-tlieta kienu ġew avviċinati u wrew li kienu jaqblu li ssir il-bidla ta' l-art. Barra minn hekk, kien inġabar ħafna materjal. Kull ma kien jonqas kien il-permess ta' l-Isqof.

It-talba ġiet eżaminiata minn G. Galea, il-Vigarju Ġenerali, u mill-Assessur Filippo Pullicino. Huma kitbu illi il-Knisja Parrokkjali la kellha kampnar regolari bħal ma kellhom knejjes oħra tad-djoċesi, u lanqas kellha arloġġ. Waqt li ddeskrivew il-kampnar bħala oġġett miżerabbli fl-għamla tiegħu, qadim u kkundannat, faħħru l-pjanta tal-kampnar il-ġdid. Dehrilhom li r-regolarita' u s-simetrija tiegħu, meta jkun mibni, kellhom isebbħu d-dehra tal-knisja. Sa hawn huma qablu mat-talba u mar-raġunijiet li kienu ġabu n-nies tal-Gudja.

Iżda huma esprimew xi dubji. L-aktar ħaġa mportanti fl-istħarriġ tagħhom kellha x'taqsam ma' l-ispejjeż neċessarji biex il-kampnar jinbeda u jitlesta. Ma kienet ġiet ippreżentata l-ebda stima tal-ispejjeż. Madankollu, kellhom assigurazzjonijiet biżżejjed li l-bosta kontribuzzjonijiet, li xi wħud minnhom kienu ġa offruti,. flimkien mal-koperazzjoni tan-nies tal-parroċċa, u x-xogħol volontarju fil-ġranet tal-Ħdud u l-festi (illi kien ittamat li l-Isqof jippermettilhom), kellhom ikunu biżżejjed weħidhom biex ix-xogħol jinbeda u jintemm mingħajr ma jżid piż fuq il-knisja. Wara li kkunsidraw dan kollu huma taw parir lill-Isqof li jagħti l-permess tiegħu.

Huma ġibdu l-attenzjoni tal-Isqof għall-fatt li, ma kien hemm ebda periklu ta' ħsara ghall-bini tal-knisja. Il-kampnar kellu jkun kompletament mifrud minnha, għalkemm ħdejha. Il-knisja ma kelliex tintmess u hekk, ma setgħet issofri l-ebda dannu jekk ix-xogħol jieħu fit-tul u anqas kieku kellu ma jitlestiex, imma tibqa' ntatta u fl-istess kundizzjoni bħal ma kienet qabel beda x-xogħol.

Anzi, għamluha kundizzjoni li l-bini tal-knisja ma jintmessx bl-ebda mod u li ma titneħħa l-anqas ġebla waħda mill-kampnar li diġa kien hemm, qabel ma l-ġdid ikun komplet u bil-qniepen fih. Kundizzjoni oħra kienet li ma ssir ebda talba fil-futur biex flus mid-dħul tal-knisja, jew flus imħollija għal opri qaddisa, jiġu wżati għall-bini tal-kampnar. Ix-xogħol kellu jiġi mitmum mill-kontribuzzjonijiet tan-nies biss.

Għal dak li jirrigwarda l-bdil tal-art fejn kellu jinbena l-kampnar, ipproponew li ma jsir xejn qabel il-partijiet konċernati jitolbu permess li dan isir, u jiġi eżaminat kemm dan kien fil-fatt bżonnjuż. Fil-fatt, l-istħarriġ baqa' jsir għax, f'ittra tas-27 ta' Marzu, 1858 il-qassis Dun Ġużepp Żammit informa l-Kurja ta' l-Isqof illi l-patrun tal-art kien ċertu Luigi Żammit iżda hu, ma kienx tal-parir li dan jigi avviċinat qabel ma l-Isqof ikun iddeċieda favur il-proposta. Minħabba li kien habib tiegħu u anke jiġi minnu, kien ċert li jaqbel mal-bidla jekk jitolbu hu. Fid-29 ta' April, Giovanni Camilleri, li kellu ċ-ċens tal-għalqa, informa l-Kurja li r-rettur, Dun Ġużepp Żammit, u s-sid Wiġi Żammit, kienu taw il-kunsens tagħhom għat-tpartita. Luigi Żammit ta l-kunsens tiegħu f'att notarili fl-4 ta' April. Dun Ġużepp Żammit ta l-kunsens tiegħu quddiem nutar, fit-22 ta' April.

**Minkejja d-diffikultajiet kollha, l-kampnar inbena fi żmien sentejn**

Minkejja d-diffikultajiet kollha, l-kampnar inbena fi żmien sentejn. Il-kundizzjonijiet li saru qabel beda x-xogħol ġew kollha esegwiti. In-nies taw flus u xogħol b'xejn u fl-1861 tqegħdu erba' qniepen ġodda fil-kampnar il-ġdid. Tlieta minnhom saru mill-flus tal-bejgħ tat-tliet qniepen il-qodma flimkien mal-kontribuzzjoni tan-nies. It-tieni tħallset mis-Sinjur Giuseppe Gugliemo Castagna[4] L-Arloġġ, maħdum mill-magħruf Mikiel Anġ Sapiano, qam LM 30[5].

**Paul Farrugia**

---

**Referenzi**

[1]Visti Pastorali: 1745
[2]Achille Ferris, *Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo*, p.349
[3]L-informazzjoni dwar it-tħejjijiet għall-bini tal-kampnar hija meħuda mir-Reġistri tar-Rikorsi fl-Arkivju tal-kurja ta' l-Arċisqof, il-Furjana.
[4]Achille Ferris, *op. cit.*, p.349
[5]Filippo Castagna, *L-Istorja ta' Malta bil-gżejjer tagħha*, p.251